A.L. 148 ta' l-2008

ATT DWAR L-GĦAQDIET TAL-PRODUTTURI (KAP. 447)

Regolamenti ta' l-2008 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-Qasam ta' l-Inbid

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz ta' l-artikoli 9 u 19 ta' l-Att dwar Għaqdiet tal-Produtturi, il-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Taqsima I

Preliminari

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-Qasam ta' l-Inbid.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Mejju 2008.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-artikolu 2 ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi.

Taqsima II

Twaqqif u Għarfien ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-Qasam ta' l-Inbid

Karatteristiċi ta' għaqdiet tal-produtturi.

3. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, għaqda tal-produtturi hija kull entità legali li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) hija kostitwita minn produtturi ta' prodotti koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1493 ta' l-1999 u modifikazzjonijiet sussegwenti;

(b) hija mwaqqfa fuq l-inizjattiva tal-produtturi;

(ċ) issegwi għan speċifiku, li b'mod partikolari jista' jkun relatat ma' xi waħda jew iktar minn dawn li ġejjin:

(i) l-addattament tal-produzzjoni kemm għall-ħtiġijiet tas-suq kif ukoll għat-titjib tal-prodott;

(ii) il-promozzjoni tal-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti manifatturati mill-membri tagħha;

(iii) il-promozzjoni tar-razzjonalizzar u t-titjib fil-produzzjoni u fl-ipproċessar;

(iv) it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni u tal-ġestjoni tas-suq u l-istabbilizzar tal-prezzijiet tal-produtturi;

(v) il-promozzjoni u l-provvediment ta' għajnuna teknika għall-użu ta' prattiċi ta' koltivazzjoni u teknika ta' produzzjoni li tħares l-ambjent;

(vi) il-promozzjoni ta' inizjattivi għall-ġestjoni ta' prodotti sekondarji enoloġiċi u għall-ġestjoni ta' skart b'mod partikolari biex jipproteġu l-kwalità ta' l-ilma, il-ħamrija u l-pajsaġġ u jippriservaw jew jinkoraġġixxu l-biodiversità;

(vii) it-twettiq ta' riċerka f'metodi ta' produzzjoni sostenibbli u ta' żviluppi tas-suq.

(d) li tapplika regoli ta' l-assoċjazzjoni li huma konformi mar-regolament 5 u li għandhom jeżiġu l-membri tagħha, b'mod partikolari, illi:

(i) japplikaw ir-regoli addottati mill-organizzazzjoni tal-produtturi dwar ir-rappurtar ta' produzzjoni, il-produzzjoni nnifisha, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ħarsien ta' l-ambjent;

(ii) jipprovdu t-tagħrif mitlub mill-organizzazzjoni tal-produtturi għal skopijiet statistiċi, b'mod partikolari dwar żoni ta' tkabbir u dwar l-evoluzzjoni tas-suq;

(ii) iħallsu penali għal ksur ta' l-obbligi skond ir-regoli ta' assoċjazzjoni.

(e) tkun baghtet applikazzjoni biex tiġi magħrufa bħala organizzazzjoni tal-produtturi skond dawn ir-regolamenti u l-applikazzjoni fiha dawn l-elementi li ġejjin:

(i) prova li l-entità tilħaq ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi (a) sa (d);

(ii) prova li għandha minimu ta' 50 membru;

(iii) prova li tkopri volum minimu ta' produzzjoni kummerċjali ta' 200 tunnellata;

(iv) prova li tista' twettaq l-attivitajiet tagħha kif suppost, kemm f'dak li hu żmien kif ukoll f'effettività u f'konċentrazzjoni ta' provvista;

(v) prova li tgħin lill-membri tagħha b'mod effettiv sabiex jiksbu għajnuna teknika fl-użu ta' prattiċi ta' koltivazzjoni li huma tajbin għall-ambjent.

Għarfien ta' għaqdiet ta' produtturi.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur għandu jagħraf bħala għaqdiet ta' produtturi lil dawk l-entitajiet legali kollha li japplikaw għal dan l-għarfien, b'kundizzjoni li:

(a) jissodisfaw il-ħtiġiet kollha tar-regolament 3;

(b) għar-rigward tal-kategoriji ta' prodotti msemmija fis-subregolament 3 (a) ta' dan ir-regolament ikunu indikati il-prodotti speċifiċi li ser ikunu qegħdin jipproduċu;

(ċ) li jipprovdu b'mod effettiv lill-imsieħbin tagħhom il-ħtiġiet tekniċi għall-ħażna, l-ippakkjar u l-bejgħ tal-prodotti tagħhom u jiżguraw li jkun hemm immaniġġar finanzjarju u kummerċjali sod ta' l-attivitajiet tagħhom.

Statut.

5. L-Istatut ta' l-għaqdiet li japplikaw għall-għarfien għandu jkun jipprovdi għal:

(a) proċeduri biex jiġi stabbilit, mwettaq u mibdul l-imsemmi statut;

(b) l-iskrutinju pubbliku mill-imsieħbin ta' l-għaqda tal-Produtturi u tad-deċiżjonijiet li tieħu;

(ċ) il-ħlas daparti tal-imsieħbin tal-kontribut finanzjarju ikkontemplat fl-Istatut;

(d) il-provvista daparti tal-imsieħbin tat-tagħrif rikjest mill-għaqda tal-produtturi għal-skopijiet ta' statistika, partikolarment

dwar il-kejl ta' l-art użata għat-tkabbir, l-ammonti u l-livelli ta' produzzjoni u l-bejgħ dirett;

(e) l-impożizzjoni ta' penali lill-imseħbin li jonqsu f'dawk l-obligazzjonijiet tagħhom li jirriżultaw mill-Istatut jew minn regoli oħra li tagħmel l-għaqda tal-produtturi;

(f) id-dħul ta' mseħbin ġodda fl-għaqda, partikolarment dwar il-perjodu minimu tas-sħubija;

(g) ir-regoli dwar iż-żamma tal-kontijiet u l-finanzjament neċessarji biex l-għaqda tkun tista' tiffunzjona.

Htiġiet għas-sħubija.

6. (1) Il-perjodu minimu ta' sħubija huwa ta' sentejn.

(2) Riżenja mis-sħubija għandha tiġi avżata lill-Għaqda tal-Produtturi u riżenja bħal dik għandha tkun effettiva sitt xhur wara li tkun ġiet hekk avżata.

Poteri tad-Direttur.

7. Id-Direttur għandu:

(a) jiddeċiedi dwar l-għarfien ta' għaqda tal-produtturi fi żmien tlett xhur mid-data meta tiġi ippreżentata l-applikazzjoni li tkun tinkludi d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa; u

(b) jara li jsiru kontrolli f'intervalli regolari biex jiġi żgurat li l-għaqdiet tal-produtturi jkunu konformi mal-pattijiet u l-kundizzjonijiet għall-għarfien, jimponi l-penali applikabbli f'każ li ma jkunux, u jiddeċiedi, fejn ikun meħtieġ, li jirtira l-għarfien.

Taqsima III

Penali

Penali.

8. Għaqda ta' produtturi li ma tkunx konformi ma', jew tikser, xi wieħed mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tista' teħel multa amministrattiva, li tiġi imposta mid-Direttur, ta' mhux anqas minn mitejn u ħamsin ewro u mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro għal kull reat, u għal multa addizzjonali ta' mitt ewro għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej dak in-nuqqas ta' konformità jew dik il-kontravenzjoni.